MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1410/1996/1

**Margaret Davis**

**vs**

**L-Avukat Dr. Joselle Farrugia LL.D. u l-P.L. Paul Saliba nominati kuraturi deputati b'digriet tat-28 ta' Dicembru 1995 biex jirraprezentaw lill-assenti minn dawn il-gzejjer Leslie Brent Davis; u b'digriet tal-Qorti ta' 22 ta' Dicembru, 1997 l-Avukat Dr Joselle Farrugia giet sostitwita bhala Kuratur Deputat b'Dr. Simon Galea Testaferrata**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi kontendenti zzewgu fis-26 ta' Frar, 1994;

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfront tal-attrici ta' theddid u ingurji gravi u inoltre z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba nkompatibilta' ta' karattru;

Illi l-attrici trid tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut u ghal dan l-iskop otteniet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni mehtiega ghall-prezenti procedura, u dana skond digriet tas-26 ta' Marzu, 1996, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa mmarkata dokument "A";

Illi *ai termini* tal-imsemmija awtorizzazzjoni l-attrici qed tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut;

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghalhekk ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana bi htija esklussiva tal-konvenut *stante* theddid u ngurji gravi fil-konfront tal-attrici u talli inoltre z-zwieg ta' bejniethom tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba nkompatibilta' ta' karattru;

2. Tistabilixxi retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici;

3. Tordna xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

4. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja parti wahda lill-attur u ohra lill-konvenuta, u mhux necessarjament fi kwoti ugwali;

5. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-**artikoli 48, 50, 51 u 52** tal-Kodici Civili jew dawk applikabbli ghall-kaz in ezami;

6. Tordna lill-konvenut illi jirritorna lill-attrici il-beni kollha parafernali inkluzi flus li kellha qabel iz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti fil-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati a fol 26 fejn gie premess:

(1) Illi l-eccippjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, wara li jikkomunikaw mal-konvenut.

(2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru, 1997 fejn il-Qorti baghtet il-kawza *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attrici ipprezentat fl-4 ta' Novembru, 1997 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex terga' tappunta l-kawza ghas-smiegh ghal data li hija jidhrilha opportuna u konvenjenti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Novembru, 1997 fejn din il-Qorti laqghet it-talba w appuntat il-kawza ghas-smiegh, spejjez tar-rikorrenti, ghad-29 ta' Jannar, 1998 fl-10.30a.m.

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Dr. Joselle Galea fejn talbet illi din il-Qorti tezoneraha mill-inkarigu taghha bhala kuratur deputat u tissostitwiha.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Dicembru, 1997 fejn il-Qorti laqghet it-talba w issostitwit lil Dr. Joselle Galea b'Dr. Simon Galea Testaferrata.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar, 1998 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Paul Caruana Curran biex jigbor il-provi.

Rat illi fil-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran tat-3 ta' Dicembru, 1998 fejn Dr. Paul Farrugia ghall-attrici iddikjara illi ma kellux aktar provi. Rat ukoll illi fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 2001 mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Caruana Curran l-kuratur deputat wara li esebixxa diversi dokumenti u senjatament id-dokumenti mmarkati bhala Dok "SGT 1" sa "SGT 6" iddikjara illi m'ghandux aktar provi.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju, 2002 fejn Dr Paul Farrugia talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 21 ta' Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi **l-attrici** tghid illi hija ltaqghet ma' zewgha madwar disa' snin qabel izzewgu. Hija saret tafu mill-gazzetti permezz ta' avviz. Wara xi zmien johorgu flimkien il-kontendenti iddecidew li jizzewgu kif fil-fatt ghamlu fis-26 ta' Frar, 1994 (ara d-dokument a fol. 21 tal-process). Hekk kif appena izzewgu, l-attrici tghid illi l-konvenut zewgha "*tbiddel minnufih, sar nervuz hafna, kien jimmaltrattani u kien jghajjarni hafna*". Tghid ukoll l-attrici illi l-konvenut qatt ma kien jghinha fil-facendi tad-dar u peress illi hija ma tantx kienet f'sahhitha, hija kienet bdiet tghejja. *Di fatti* bdiet tghinha bintha.

Illi l-attrici sostniet ukoll illi darba fost l-ohrajn, zewgha kien talabha sabiex tiffirma xi karti tal-bank halli jkun jista' jirtiraha somma flus halli jkun jista' jixtri karavan. Hija ffirmat minghajr ma kienet qrat l-inkartament.

Sussegwentement, meta hija vverifikat ghalxiex kienet iffirmat, irrealizzat illi hija kienet iffirmat sabiex hija titnehha minn fuq il-kont bankarju ezistenti bejn il-partijiet, liema kont bankarju kien jinsab gewwa l-Ingilterra u kien fih biss flus appartenenti lill-konvenut qabel ma l-kontendenti zzewgu.

Illi jidher ukoll illi wara li l-attrici kienet wegghet saqajha, l-affarijiet ta' bejn il-kontendenti bdew sejrin lura mhux hazin. Il-konvenut ma tantx kien jghinha lill-attrici minkejja li din ta' l-ahhar ma tantx setghet timxi. Tghid illi minhabba "*it-turment kontinwu li kont ghaddejja minnu peress li kien qed jaghmel dawn l-affarijiet kollha, jiena bdejt inhossni hazin, anke mentalment*". Tghid l-attrici illi kellha *'nervous breakdown*' u li f'dan il-perjodu kienu tawha tliet '*angina attacks*'.

Illi finalment l-attrici, wara li ma setghetx tkompli aktar f'din is-sitwazzjoni, ikkonfrontat lill-konvenut u dan fuq insistenza taghha telaq minn Malta. Dan kien fil-11 ta' Mejju 1995. Tghid ukoll illi l-konvenut wara din id-data kien gie lura Malta pero` lilha qatt ma mar jaraha.

Illi minn dawn il-minimu ta' provi prodotti, li bl-ebda mod ma huma kontestati jirrizulta li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex tigi pronunzjata s-separazzjoni legali bejn il-partijiet, u fuq kollox jirrizulta definittivament li l-konvenut telaq minn Malta tant li fil-fatt huma l-kuraturi li qed jipprezentawh f'din il-kawza *stante* li huwa baqa' assenti. Sfortunatament pero', baqa' ma sarux provi mill-konvenut, hlief ghall-ittri esebiti minnu. Ma jirrizultax illi sar xi kontro-ezami lill-attrici sabiex jigu ppruvati xi allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut fl-ittri tieghu. Lanqas ma ttellghu xhieda ndipendenti sabiex jigu ppruvati l-allegazzjonijiet maghmula mill-konvenut fl-ittri tieghu, liema ittri esebiti ma humiex ammissibbli bhala prova billi dawn ma gewx ikkonfermati minn min kitibhom.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll li l-konvenut ma jahdimx ghaliex pensjonant, anke ghaliex fil-mument taz-zwieg kellu gja' tnejn u sebghin (72) sena u l-attrici llum ghandha sitta u tmienja u sittin (68) sena *circa*.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talbiet attrici hawn milqugha, **tilqa’ l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) talbiet attrici** u **tichad it-tieni (2) u s-sitt (6) talbiet attrici** u dan biss u unikament kif hawn aktar ‘l isfel indikat u cjoe`:-

(1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Davis minhabba htija da parti tal-konvenut minhabba abbandun da parti tieghu u kif ukoll *stante* li l-istess zwieg tkisser irrimedjabilment;

(2) Tichad f’dan l-istadju u fic-cirkostanzi t-tieni talba attrici, kif premess fil-konsiderazzjonijiet, *stante* li l-attrici lanqas ghandha hjiel dwar l-introjtu tal-konvenut assenti, b’dan pero` li jibqa’ mpregudikat li l-attrici tvanta tali dritt sabiex tressaq tali talba jekk ic-cirkostanzi fil-futur jinbidlu u hija skond il-ligi tkun intitolata li tezigi tali alimenti.

(3) Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, b’effett mid-data tal-11 ta’ Mejju 1995.

(4) Illi dwar it-talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-istess komunjoni, peress li l-attrici naqset li ggib xi prova dwar il-konsistenza tal-istess komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara li ma hemmx x’jigi likwidat u maqsum fl-istess.

(5) Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826 u 827** kif li wkoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit, u salv dak premess fir-raba’ (4) talba attrici, tiddikjara li l-konvenut tilef ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data tal-11 ta’ Mejju, 1995 stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun ikkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

(6) Tichad is-sitt talba *stante* li ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi assi parafernali appartenenti lill-attrici, u minhabba nuqqas ta' provi mill-attrici fuq din it-talba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-procedura quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut assenti, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**21 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**21 ta' Novembru 2002**